MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 88/2004

**Citadel Insurance p.l.c. (C21550)**

**Vs**

**Mark Aquilina**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm318.42c (tlett mija u tmintax-il lira Maltin u tnejn u erbghin centezmu) rapprezentanti sehem ta' diversi *premia* migbura mill-konvenut bhala *sub-agent* tas-socjeta' attrici.

Il-konvenut gie nterpellat, anki permezz ta' Ittra Ufficjali tat-28 t'April 2003, izda huwa baqa' nadempjenti.
Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali tat-28 t'April 2003, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha, kontra l-konvenut, li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax Risposta ghalkemm debitament notifikat;

Sema' lil Dr Stephen Muscat jikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------